# Kantata 400 Sena Matriċi (1616-2016)

## Is-Sur Christopher Chetcuti



Is-Sena l-oħra iż-Żejtun fakkar b'ġieħ u foħrija l-400 Anniversarju minn meta l-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun saret Matriċi fl-1616. Dan seħħ meta l-Isqof Baldassare Cagliares waqqaf il-parroċċa l-ġdida ta' Ħaż-Żabbar, li sa dak iż-żmien kienet għadha tagħmel parti miż-Żejtun. Għal din l-okkażjoni, l-Għaqda Banda Żejtun waqqfet kummissjoni biex tistudja u tipproponi kif iż-Żwieten ser ifakkru u jiċċelebraw dan l-anniversarju. L-istorja lokali taż-Żejtun hija għanja ferm, l-aktar tul il-mitejn sena qabel l-1616. Saret riċerka intensiva, studju u laqgħat ma' diversi setturi tal-komunità taż-Żejtun dwar l-iżvilupp kulturali soċjali u ekonomiku fiż-Żejtun ta' bejn is-snin 1419-1619. Dan kollu kien il-bażi biex bħala legat u żieda mal-patrimonju artistiku, letterarju u mużikali fiż-Żejtun. Dawn it-tħejjijiet saru biex inbeda proġett mużikali ġdid, proġett li ffoka fuq Kantata ġdida għall-banda, kor u solisti. Il-versi tal-Kantata "Il-Parroċċa taż-Żejtun – 400 Sena Matriċi" tħejjew mill-awtur u poeta Żejtuni tant maħbub, Trevor Zahra waqt li l-mużika hija kompożizzjoni tas-Surmast Direttur tal-Banda Żejtun, il-Maġġur Carmelo Mangion. Trevor Zahra huwa magħruf bħala awtur, iżda huwa wkoll huwa poeta mill-aqwa li jħaddem il-kelma Maltija bl-aktar mod naturali, tant li din toqgħod paxxuta għall-kompożizzjoni mużikali. Trevor huwa wkoll kapaċi jesprimi l-memorja kollettiva tal-Komunità Żejtunija fejn twieled u trabba.

Dan kollu joħroġ ċar fil-kitba tal-versi li kiteb għall-Kantata. Minn naħa tiegħu il-kompożitur Carmelo Mangion, Surmast Direttur, Żejtuni li wkoll tħarreġ sew fil-kompożizzjoni mużikali, sfrutta sew ir-ritmi, tqassim u varjazzjoni partikolari ta' Zahra. Dan kollu ħareġ fl-interpretazzjoni tal-Banda Żejtun, il-Kor Mirabitur immexxi minn Simone Attard, it-Tenur Joseph Aquilina, il-Baritonu Ivan Vella u s-Sopran Karen Camilleri li lkoll flimkien taw ħajja lil din il-Kantata li ġiet ippreżentata fil-Knisja Arċi-Matriċi taż-Żejtun nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru. Ippresieda l-Mons. Pawlu Darmanin Isqof Emeritus ta' Garissa.








# Stop Everyday

The place that gives you more value for your money!





Omar Garcia
Mob: 79256083

Alfred Cachia Zammit Street, Zejtun
teenagelook@hotmail.com